

Brussell, 14 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7146/22

PROCIV 32
JAI 333
COHAFA 32
CLIMA 106
ENV 217

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6528/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3850 laqgħa tiegħu fit-3 ta' Marzu 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra dan li ġej:

I. INTRODUZZJONI

1. **Filwaqt li jfakkar** li l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli stabbiliti fl-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskji ta' diżastri klimatiċi;
2. **Filwaqt li jikkunsidra** l-Artikolu 196 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jindirizzaw id-diżastri, u l-Artikolu 222 TFUE, li skontu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jaġixxu fi spirtu ta' solidarjetà jekk Stat Membru jkun vittma ta' diżastru;
3. **Filwaqt li jqis** il-prijorità li l-Unjoni tat b'mod espliċitu lit-tranżizzjoni ekoloġika u lill-protezzjoni tal-bijodiversità skont il-Patt Ekoloġiku, l-oġettiv tan-newtralità klimatika msemmi fir-Regolament (UE) 2021/1119, kif ukoll il-proġett, appoġġat mill-Pakkett għall-Irkupru, ta' Ewropa aktar ekoloġika u aktar reżiljenti li tkun mġhammra aħjar biex tiffaċċa l-isfidi attwali u futuri, inkluż fl-azzjoni esterna tagħha;
4. **Filwaqt li jenfasizza** li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), stabbilit fl-2001 u msaħħaħ b'mod partikolari fl-2013, l-2019 u l-2021, għandu rwol dejjem akbar fir-rispons tal-Ewropa għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, li l-emenda reċenti tal-UCPM tistabbilixxi għanijiet ta' reżiljenza għad-diżastri bbażati fuq xenarji attwali u li jħarsu lejn il-futur, u li l-UCPM jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri ta' finanzjament ġenerali tal-Unjoni għall-klima u l-bijodiversità;

5. **Filwaqt li jfakkar** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 2009 dwar is-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili, tat-30 ta' Novembru 2009 dwar qafas Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri fl-UE u tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar ir-rwol tal-attivitajiet volontarji fil-politika soċjali, li jenfasizzaw li l-attivitajiet volontarji huma ta' benefiċċju għall-voluntiera, il-komunitajiet u s-soċjetà kollha kemm hi; il-ħolqien tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fl-2018; l-importanza tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini biex jissaħħu s-sikurezza u r-reżiljenza; u l-impenji tal-Unjoni għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022;
6. **Filwaqt li jfakkar** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar it-tiswir ta' Ewropa reżiljenti għall-klima – l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u tat-23 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tat-tnejjja, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri;
7. **Filwaqt li jinnota** li l-effetti tat-tibdil fil-klima huma evidenti u li eventi estremi relatati mat-tibdil fil-klima qed isiru aktar frekwenti, intensi u persistenti, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' telf uman, materjali u naturali u filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jieħdu azzjoni f'dan il-qasam;
8. **Filwaqt li jirrikonoxxi** l-valutazzjonijiet xjentifiċi dwar it-tibdil fil-klima, l-implikazzjonijiet tiegħu u r-riskji futuri potenzjali, kif ukoll l-għażliet ta' adattament u mitigazzjoni pprovduti mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;
9. **Filwaqt li jirrikonoxxi** l-vulnerabbiltà tal-popolazzjonijiet u t-territorji Ewropej fid-diversità tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-baċir tal-Mediterran, iż-żoni muntanjużi u tal-foresti, l-imqagħad, l-ibħra, il-kosti u t-territorji gżejjer, it-territorji tal-Artiku u r-reġjuni ultraperiferiċi u ż-żoni urbani;
10. Filwaqt li jinnota r-rwol sinifikanti tal-istrateġiji makroreġjonali tal-Unjoni bħala wieħed mill-istrumenti ta' politika esterna biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tibdil fil-klima u tissaħħaħ ir-reżiljenza;

II. IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. **Jafferma mill-ġdid** il-prinċipju tas-solidarjetà fl-indirizzar tal-isfidi li jġib miegħu t-tibdil fil-klima fl-Unjoni u madwar id-dinja;
2. **Ifakkar** fir-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri għall-protezzjoni tal-poplu tagħhom, tal-ambjent u tal-proprietà, inkluż il-wirt kulturali;
3. **Jenfasizza** r-rwol tal-parteċipazzjoni pubblika u volontarja li tikkontribwixxi, kif diġà ġie sottolinjat fil-Konklużjonijiet imsemmija hawn fuq tat-3 ta' Ottubru 2011, għall-iżvilupp ta' ċittadinanza attiva, tad-demokrazija u tal-koeżjoni soċjali u, b'hekk, għall-implimentazzjoni tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni, kif ukoll ir-reżiljenza fil-qasam tal-protezzjoni ċivili;
4. **Iqis** li, bħala riżultat tat-tibdil fil-klima, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jridu jkunu ppreparati biex jindirizzaw diżastri fuq skala kbira, multisettorjali u transfruntiera b'effetti kaskata, li jistgħu jseħħu simultanjament u aktar ta' spiss, fl-Unjoni u lil hinn minnha, u li l-konsegwenzi tagħhom jistgħu jaffettwaw b'mod profond il-ħajja u l-attivitajiet tal-bniedem kif ukoll il-bijodiversità;
5. **Jinnota** l-ħtieġa li l-Unjoni tiżviluppa approċċ sistemiku aktar koerenti u proattiv biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri, li jinkludi l-prevenzjoni, it-tnejjija, ir-rispons u l-irkupru;
6. **Jisħaq** fuq l-importanza tal-kondiviżjoni u l-akkomunament tal-għarfien, il-kompetenza u l-innovazzjoni, kif ukoll it-tagħlimiet meħuda mill-Istati Membri u l-Kummissjoni;
7. **Jirrikonoxxi** li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej fil-kuntest tal-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, fir-rigward tal-Istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, għandu jkollhom l-għan li jikkomplementaw l-isforzi tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri;

8. **Jisħaq** fuq l-importanza li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet skjerabbli internazzjonalment fi ħdan l-Istati Membri, Riżerva ta' Protezzjoni Ċivili tal-UE (ECP), u riżerva Ewropea strateġika ta' kapaċitajiet (rescEU) lesta li jirrispondu malajr u b'mod effiċjenti għal diżastri relatati mat-tibdil fil-klima meta l-iskala ta' emerġenza tegħleb il-possibbiltajiet ta' pajjiż li jirreaġixxi waħdu;

9. **Jinnota** li l-UCPM għandu rwol sinifikanti fil-ġestjoni tad-diżastri, isaħħaħ is-sħubijiet tal-Unjoni u jikkontribwixxi għal kultura Ewropea ta' protezzjoni ċivili;

10. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex:

- a) **Iqisu** r-riskji relatati mat-tibdil fil-klima fiċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri, pereżempju billi jikkapitalizzaw fuq l-għodod stabbiliti flimkien mill-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, bħall-pjattaforma Climate-ADAPT;
- b) **Irawmu** l-ħidma u r-riċerka dwar il-modi li bihom l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jiġu riveduti u inkorporati fis-sistemi tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri; jintegraw tali ħidma u riċerka fil-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali tal-Istati Membri, fl-iżvilupp tal-valutazzjoni tal-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskju u fit-titjib tal-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri previsti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili;
- c) **Jappoġġaw u jakkomunaw** ir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex itejbu l-kapaċitajiet nazzjonali tal-protezzjoni ċivili fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari permezz tan-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili (minn hawn 'il quddiem in-"Network tal-Għarfien"), u, f'dak il-kuntest, permezz ta' ċentri ta' eċċellenza, universitajiet, riċerkaturi u komunitajiet tematiċi jew ċentri ta' għarfien espert;
- d) **Jinkoraġġixxu** l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fil-kuntest tat-tibdil fil-klima u jimmobilizzaw finanzjament Ewropew rilevanti;

- e) **Jiżviluppaw** azzjonijiet adegwati ta' prevenzjoni u tħejjija, inkluż l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' kapaċitajiet suffiċjenti, immirati lejn ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima bħan-nirien fil-foresti u l-għargħar, li t-tnejn jikkostitwixxu riskju dejjem akbar għaċ-ċittadini tal-Unjoni;
- f) **Isegwu**, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-ECPP u tar-rescEU bbażati fost oħrajn fuq xenarji attwali u li jħarsu lejn il-futur previsti fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, b'kont meħud tar-riskji identifikati u emerġenti u l-kapaċitajiet u l-lakuni ġenerali fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tifi tan-nar tal-foresti mill-ajru, tal-inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, ir-rispons mediku ta' emerġenza, kif ukoll it-trasport, il-loġistika u l-kenn;
- g) **Jagħmlu** l-operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili aktar ekoloġiċi u aktar sostenibbli fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ġestjoni tad-diżastri u jippromwovu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien;
- h) **Iqisu** l-impatti ambjentali u tat-tibdil fil-klima fl-assistenza pprovduta permezz tal-UCPM, b'mod partikolari billi jakkomunaw ir-riżorsi fejn xieraq;
- i) **Jappoġġaw** it-tħejjija u r-reżiljenza tal-popolazzjoni esposta għal riskji relatati mat-tibdil fil-klima permezz ta' informazzjoni, edukazzjoni, taħriġ u eżerċizzji speċifiċi li jistgħu jinvolvu l-livelli nazzjonali u subnazzjonali u anke dimensjoni transfruntiera, b'attenzjoni partikolari għal persuni b'vulnerabbiltajiet speċifiċi;
- j) **Isaħħu** l-organizzazzjonijiet tal-voluntiera bħala parti integrali tal-protezzjoni ċivili;
- k) **Iqisu li jintegraw**, f'dan ir-rigward, inizjattivi spontanji fl-operazzjonijiet ta' rispons, fejn xieraq u b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali;
- l) **Jagħtu rilevanza** lill-importanza tal-kontribut taċ-ċittadini għas-sikurezza u r-reżiljenza tagħhom stess, u jinkoraġġixxu kwalunkwe inizjattiva mmirata lejn il-valutazzjoni, ir-rikonoxximent u l-promozzjoni, fejn xieraq permezz ta' qafas legali, tal-involvement attiv tagħhom f'azzjonijiet volontarji u arranġamenti għar-rispons għad-diżastri;
- m) **Iqisu** r-rwol speċjali taż-żgħażaġh f'dak ir-rigward;

- n) **Jippromwovu** liċ-ċittadin li jipparteċipa b'mod attiv, bħala attur tas-sikurezza u r-reżiljenza tiegħu jew tagħha stess jew bħala membru ta' strutturi ċivili nazzjonali jew lokali li jikkontribwixxu għall-protezzjoni ċivili, permezz tat-tliet dimensjonijiet li ġejjin:
- i) twissija: il-kjarifika tar-rwol u r-responsabbiltajiet ta' istituzzjonijiet differenti fil-ħruġ ta' twissijiet immirati lil persuni affettwati, anke bl-użu ta' teknoloġiji moderni tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;
 - ii) għoti ta' informazzjoni: is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar ir-riskji involuti, b'mod partikolari fiż-żoni l-aktar esposti għall-effetti tat-tibdil fil-klima, permezz tat-tixrid tal-informazzjoni pubblika u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ, inkluż fuq bażi volontarja;
 - iii) mobilizzazzjoni: l-inkoraġġiment tan-networks taċ-ċittadini, l-assoċjazzjonijiet u l-voluntiera involuti f'inizjattivi ta' prevenzjoni tar-riskju, fir-rispons għad-diżastri u fit-taħriġ tal-ewwel għajnuna;
- o) **Jieħdu kont** tal-importanza ta' emerġenzi fit-tul u r-riskji li qed jiżdiedu li dawn jistgħu joħolqu għas-sistemi ta' protezzjoni ċivili kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew;
- p) **Iqisu** l-impatt tat-tibdil fil-klima fl-azzjonijiet internazzjonali tal-protezzjoni ċivili, billi jsaħħu l-kooperazzjoni u jappoġġaw il-ġestjoni tad-diżastri u tal-kriżijiet;

11. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:

- a) **Issegwi** l-aġġornament regolari tal-"perspettiva transsettorjali tar-riskji ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem li l-Unjoni tista' tiffaċċa" billi tqis l-impatti tat-tibdil fil-klima, abbażi tar-rapporti nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-valutazzjoni tar-riskju;
- b) **Tiżgura** li l-impatti tat-tibdil fil-klima jitqiesu b'mod sistematiku matul iċ-ċiklu kollu tal-ġestjoni tad-diżastri;
- c) **Tiżgura** li l-UCPM iqis in-natura varjata tad-diżastri b'mod li jkun kemm reattiv kif ukoll adattabbli u, fejn possibbli, proattiv;

- d) **Issaħħaħ** id-disponibbiltà ta' esperti fil-qasam tal-ambjent u t-tibdil fil-klima għall-iskjerament fil-qafas tal-UCPM;
- e) **Tippromwovi** l-komplementarjetà tal-UCPM ma' mekkaniżmi oħra tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet;
- f) **Tappoġġa** r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, b'mod partikolari billi tistabbilixxi inventarju tal-għarfien disponibbli u tarrikkixxi n-Network tal-Għarfien, iċ-Ċentru ta' Għarfien għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri u iċ-ċentri ta' eċċellenza li jistgħu jinħolqu f'dak il-qafas, kif ukoll iċ-ċentri mmexxija minn organizzazzjonijiet internazzjonali;
- g) **Issaħħaħ** u tadatta l-istrumenti, l-għodod u l-pjattaformi tal-Unjoni għall-ġestjoni tad-diżastri u l-kriżijiet u għall-appoġġ għad-deċiżjonijiet taħt is-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'Każ ta' Emerġenza, l-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa, is-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti kif ukoll il-programmi Galileo u Copernicus u l-programm ta' Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita tal-UE;
- h) **Ittejjeb** il-kapaċitajiet ta' antiċipazzjoni u rispons taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'Każ ta' Emerġenza, b'mod partikolari billi tesplora kif jistgħu jintużaw aħjar l-innovazzjonijiet teknoloġiċi, inkluż l-intelliġenza artifiċjali u s-sorsi ta' data disponibbli biex jiġu identifikati u antiċipati riskji klimatiċi estremi;
- i) **Trawwem** operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili Ewropea aktar ekoloġiċi u aktar sostenibbli billi tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tistabbilixxi perspettiva ġenerali tas-sitwazzjoni attwali u tfassal gwidi għal prattika tajba f'dan il-qasam;
- j) **Tippromwovi aktar** l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima u r-rispons operazzjonali għalih billi tappoġġa l-kontributi taċ-ċittadini għas-sikurezza u r-reżiljenza tagħhom stess u billi tippromwovi kwalunkwe inizzjattiva ta' rispons għad-diżastri bbażata fuq il-volontarjat, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali jew subnazzjonali, inkluż permezz ta' premijijiet Ewropej;
- k) **Tiżviluppa** programmi ta' taħriġ u eżerċizzji għall-ġestjoni ta' diżastri ambjentali u relatati mal-klima, inkluż fi ħdan il-programm ta' taħriġ tal-UE, u tinkoraġġixxi d-disponibbiltà ta' għarfien espert bil-ħsieb li jintuża fil-qafas tal-UCPM;

- l) **Tesplora** l-kwistjoni tat-tibdil fil-klima f'azzjonijiet internazzjonali ta' protezzjoni ċivili, inkluż permezz tat-trawwim ta' skambju ta' esperjenzi u prattiki tajba ma' sħab, pereżempju fil-Balkani tal-Punent u fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
12. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress miksub fil-qafas tar-rapporti tagħha ta' kull tliet snin dwar il-UCPM, u jappella lill-Istati Membri biex jassistu lill-Kummissjoni f'dan il-kompitu.
-